MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Numru 3/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Dr Patrick Vella LL.D.**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment limitat ghall-eccezzjoni ta' rikuza sollevata mill-appellant Dr. Patrick Vella LL.D. fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2006.

Fil-bidu tas-smigh ta' l-appell, l-abbili difensuri ta' l-appellant, u cioe` l-Avukat Dott. Toni Abela u l-Avukat

Dott. Jose` Herrera, fissru li xtaqu jikkunsidraw jekk hemmx lok li jitolbu r-rikuza tal-President ta' din il-Qorti. Wara posponiment qasir, huma ppresentaw nota li tghid hekk:

**"Nota ta' Dr Patrick Vella: Li biha qed jitlob li l-President Dr Vincent De Gaetano jigi rikuzat abbazi ta' l-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap. 12 peress li kien ippartecipa fil-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li sahansitra kienet tat anke l-parir taghha biex l-esponent jigi mnehhi minn [recte: mill-] kariga ta' Mhallef jew li jigu inizzjati l-opportuni proceduri ta' tnehhija (*impeachment*) fil-Parlament."**

L-abbili difensuri tal-appellant accennaw ukoll ghall-fatt li l-istess President ossia Prim Imhallef kien astjena milli jiehu konjizzjoni, presumibbilment ghall-istess raguni hawn fuq elenkata, tal-kawza kostituzzjonali – proprjament referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja – li kienu ghamlu l-imputati Dott. Patrick Vella u Dott. Noel Arrigo, liema kawza kienet giet deciza fid-29 ta' Ottubru 2003[1].

Peress li din il-Qorti hi wahda kollegjali, id-decizjoni dwar it-talba ghar-rikuza qed tittiehed konformement ma dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 738 tal-Kap. 12.

Din il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha, hi tal-fehma li ma hemmx lok li tintlaqa' l-eccezzjoni ta' rikuza, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

i. L-eccezzjoni hija bbazata fuq is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 734 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Prcedura Civili. Din id-disposizzjoni tipprovdi li Imhallef jista' jigi rikuzat jew jista' jastjeni ruhhu milli joqghod f'kawza jekk ikun ta' l-parir tieghu, itratta quddiem il-Qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha.

[1] Il-Qorti Kostituzzjonali, fl-imsemmija kawza, kienet komposta mill-Onor. Imhallef Anton Depasquale bhala Agent President u mill-Onor. Imhallfin Alberto Magri u Goeffrey Valenzia.

ii. Il-bazi fattwali avanzata mill-appellant ghall-applikabilita` ta’ din id-disposizzjoni hi li l-President ta’ din il-Qorti (il-Prim Imhallef) “kien ippartecipa fil-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li sahansitra kienet tat anke l-parir taghha biex l-esponent jigi imnehhi minn kariga ta’ Mhallef jew li jigu inizzjati l-opportuni proceduri ta’ tnehhija…fil-Parlament” – fi kliem iehor, li l-imsemmi President kien b’xi mod esprima ruhu (fl-imsemmija Kummissjoni) fir-rigward ta’ xi allegat nuqqas jew imgieba hazina ta’ l-appellant.

iii. Fil-fatt, la l-Kummissjoni, u wisq anqas il-membri komponenti l-istess Kummissjoni, qatt ma ttrattaw jew esprimew ruhhom b’xi mod f’dan is-sens. Wara li nghata avviz ta’ mozzjoni mill-Prim Ministru u mill-Kap ta’ l-Opposizzjoni lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati, u wara li l-imsemmi Speaker informa b’din il-mozzjoni lill-Kummissjoni, l-istess Kummissjoni, fis-7 ta’ Awissu 2002, iddiskutiet biss il-procedura li ghandha tigi segwita fir-rigward tal-informazzjoni moghtija mill-iSpeaker. L-appellant gie infurmat mis-Segretarja tal-Kummissjoni bil-mozzjoni u gie infurmat li kellu zmien sat-28 ta’ Awissu 2002 biex, jekk irid, jibghat dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-istess mozzjoni. Fil-laqgha tal-Kummissjoni tat-12 ta’ Awissu 2002, l-agent *chairman*, l-Imhallef Joseph David Camilleri, informa lill-Kummissjoni li l-appellant kien ta r-rizenja tieghu dak in-nhar stess lill-President ta’ Malta. Ghalhekk f’ebda hin il-Kummissjoni u l-membri taghha ma ddiskutew il-meritu tal-mozzjoni li taghha kien inghata avviz, jew xi haga li, direttament jew indirettament, tincidi fuq il-meritu ta’ dik il-mozzjoni. Wisq anqas, ghalhekk, ma tat il-Kummissjoni, jew taw il-membri individwali taghha, xi parir biex l-appellant jitnehha minn xi kariga jew parir biex jigu inizzjati l-proceduri ta’ *impeachment*.

iv. Effettivament, meta l-Qorti Istruttorja rreferiet lill-Prim Awla tal-Qorti Civili l-ilment kostituzzjonali ta’ l-appellant odjern (u ta’ Dott. Noel Arrigo, allura ko-imputat mal-appellant odjern) u wara li mid-decizjoni tal-Prim Awla sar appell lill-Qorti Kostituzzjonali, kemm il-Prim Imhallef kif ukoll l-Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri (allura membri tal-imsemmija Qorti Kostituzzjonali) astjenew, kif tajjeb osservaw id-difensuri tal-appellant odjern. Pero`, kif jirrizulta miz-zewg noti (identici) ta’ astensjoni, din l-

astensjoni ma saritx minhabba xi diskussjoni dwar il-meritu tal-mozzjoni li taghha kien inghata avviz, jew dwar xi allegata htija jew responsabbilta` ohra ta' l-appellant, jew minhabba li kienu taw parir kif issa qed jigi allegat mill-appellant. In-noti, presentati fit-8 ta' Jannar 2003 jghidu car u tond li dik l-astensjoni kienet qed issir peress illi *"…bhala membru tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja huwa kien esprima gudizzju dwar il-korrettezza o meno tal-operat tal-Prim Ministru fil-ghoti tal-konferenza stampa meritu tal-appell [kostituzzjonali]"*. Tali espressjoni kienet fil-fatt sehhet fil-laqgha tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Awissu 2002, u cioe` <u>qabel</u> ma nghata l-avviz tal-mozzjoni mill-Prim Ministru u mill-Kap ta' l-Opposizzjoni. In fatti il-qofol kollu tal-kwistjoni kostituzzjonali kien proprju dik il-konferenza stampa.

v. Il-kwistjoni kostituzzjonali, pero`, illum hi <u>definittivament deciza</u>. Il-kwistjonijiet li ghandha quddiemha din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – huma <u>kollha</u> ta' indoli penali, in kwantu jirrigwardaw id-dritt penali, procedurali jew sostantiv. Id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Ottubru 2003, in kwantu tista' tkun b'xi mod vinkolanti fir-rigward ta' din il-Qorti, tinghata dak l-effett <u>fid-dawl tal-procedura penali</u>; u certament din il-Qorti b'ebda mod ma hi msejha, jew tista`, tidhol mill-gdid f'dak li kien il-meritu ta' dik il-kawza kostituzzjonali. Ghalhekk b'ebda mod ma jista' jinghad li l-President ta' din il-Qorti ta l-parir tieghu, jew ittratta quddiem xi qorti jew kiteb dwar <u>il-kawza odjerna</u> jew dwar xi haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza odjerna jew tiddependi minnha.

vi. Kif gie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali tal-Afrika t'Isfel fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***The President of the Republic of South Africa et v. South African Rugby Football Union et***:

**"It follows…that the correct approach to this application for the recusal of members of this Court is objective and the onus of establishing it rests upon the applicant. The question is whether a reasonable, objective and informed person would on the correct facts reasonably apprehend that the judge has not or will not bring an impartial mind to bear on the**

**adjudication of the case, that is a mind open to persuasion by the evidence and the submissions of counsel. The reasonableness of the apprehension must be assessed in the light of the oath of office taken by the judges to administer justice without fear or favour, and their ability to carry out that oath by reason of their training and experience. It must be assumed that they can disabuse their minds of any irrelevant personal beliefs or predispositions. They must take into account the fact that they have a duty to sit in any case in which they are not obliged to recuse themselves. At the same time, it must never be forgotten that an impartial judge is a fundamental prerequisite for a fair trial and a judicial officer should not hesitate to recuse herself or himself if there are reasonable grounds on the part of a litigant for apprehending that the judicial officer, for whatever reasons, was not or will not be impartial."** [2]

vii. Din il-Qorti ma tara ebda raguni li tista' oggettivament u ragonevolment taghti lok ghal xi biza' ta' *bias* kif indikat fl-imsemmija sentenza. Anqas ma jista' jinghad li hemm xi ragunijiet ta' "konvenjenza" ghala l-President ta' din il-Qorti ghandu jastjeni. Kif gie spjegat fil-provvediment tal-Qorti Krminali tat-2 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja***, bil-kelma "konvenjenza" wiehed ma jridx ifisser il-konvenjenza personali ta' l-Imhallef imsejjah biex jiggudika. Bil-kelma "konvenjenza" wiehed jifhem ragunijiet, oggettivament riskontrabbli, li ma jissemmewx espressament fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12, izda li huma guridikament relevanti u li jistghu jwasslu ghar-rikuza jew astensjoni ta' gudikant ghax oggettivament ikun hemm suspett fondat dwar l-imparzjalita` ta' l-istess gudikant. Fil-kaz in dizamina anqas gie allegat xi haga f'dan is-sens – anzi, fil-bidu ta' l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2006, l-Avukat Dott. Toni Abela esprima ruhhu fis-sens li huwa u l-klient tieghu ghandhom fiducja shiha fil-President ta' din il-Qorti.

---

[2] Para. 48.

Ghalhekk l-eccezzjoni tar-rikuza qed tigi respinta, u l-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smigh ta' l-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------